IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2016
COM(2016) 25 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

ANNESS

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

ANNESS III

Regoli ta' preżentazzjoni għal Gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali

TAQSIMA I

TERMINI DEFINITI

1. "Grupp" ifisser ġabra ta' intrapriżi relatati permezz ta' sjieda jew kontroll b'mod li jew ikun meħtieġ li jitħejjew Dikjarazzjonijiet Finanzjarja Konsolidati għal finijiet ta' rapportar finanzjarju skont il-prinċipji kontabilistiċi applikabbli jew dan ikun meħtieġ jekk interessi azzjonarji f'xi waħda mill-intrapriżi kienu nnegozjati fuq borża tat-titoli pubblika.

2. "Intrapriża" ifisser kwalunkwe forma ta' tmexxija tan-negozju minn kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 3, il-punt 11.

3. "Grupp MNE" ifisser kwalunkwe Grupp li jinkludi żewġ intrapriżi jew iktar li r-residenza tat-taxxa tagħhom tinsab f'ġurisdizzjonijiet differenti, jew li jinkludi intrapriża li hija residenti għall-finijiet tat-taxxa f'ġurisdizzjoni u hija soġġetta għat-taxxa fir-rigward tal-kummerċ imwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti f'ġurisdizzjoni oħra, u mhuwiex Grupp MNE Esklużż.

4. "Grupp MNE Esklużż" ifisser, fir-rigward ta' kwalunkwe Sena Fiskali tal-Grupp, Grupp li jkollu total ta' dħul konsolidat tal-grupp ta' inqas minn EUR 750 000 000 jew ammont fil-munita lokali ekwivalenti għal madwar EUR 750 000 000 minn Jannar 2015 matul is-Sena Fiskali immedjatament qabel is-Sena Fiskali ta' Rapportar kif rifless fir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tiegħu għal tali Sena Fiskali preċedenti.

5. "Entità Kostitwenti" ifisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe unità tan-negozju separata ta' Grupp MNE li hija inkluża fid- Dikjarazzjonijiet Finanzjarja Konsolidati tal-Grupp MNE għal finijiet ta' rapportar finanzjarju, jew tkun inkluża hekk jekk l-interessi azzjonarji fit-tali unità tan-negozju ta' Grupp MNE kienu nnegozjati fuq borża tat-titoli pubblika;

(b) kwalunkwe unità tan-negozju li hija eskluża mid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarja Konsolidati tal-Grupp MNE unikament fuq raġunijiet ta' daqs jew materjalità;

(c) kwalunkwe stabbiliment permanenti ta' kwalunkwe unità tan-negozju separata tal-Grupp MNE inkluż f'(a) jew (b) sakemm l-unità tan-negozju tipprepara rapport finanzjarju separat għal dak l-istabbiliment permanenti għal finijiet ta' rapportar finanzjarju, regolatorju, rapportar tat-taxxa jew ta' kontroll tal-ġestjoni interna.

6. "Entità Relatriċi" ifisser l-Entità Kostitwenti li tintalab li tippreżenta rapport pajjiż b'pajjiż konformi mar-rekwiżiti fl-Artikolu 8aa (3) fil-ġurisdizzjoni tagħha tar-residenza tat-taxxa f'isem il-Grupp MNE. L-Entità Relatriċi tista' tkun l-Entità Prinċipali Finali, l-Entità Prinċipali ta' Sostituzzjoni, jew kwalunkwe entità deskritta fil-punt 1 tat-Taqsima II.

7. "Entità Prinċipali Finali" ifisser Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) li għandha direttament jew indirettament interess suffiċjenti f'Entità Kostitwenti waħda jew iktar ta' Grupp MNE bħal dan b'mod tali li teħtieġ li tħejji Rapporti Finanzjarji Konsolidati skont prinċipji kontabilistiċi ġeneralment applikati fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha, jew tkun mitluba tagħmel hekk jekk l-interessi azzjonarji tagħha ġew innegozjati fuq il-borza tat-titoli pubblika fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha;

(b) ma hemm l-ebda Entità Kostitwenti oħra ta' Grupp MNE bħal dan li għandha interess dirett jew indirett deskritt fil-punt (a) fl-ewwel Entità Kostitwenti msemmija hawn.

8. "Entità Prinċipali ta' Sostituzzjoni" tfisser Entità Kostitwenti waħda mill-Grupp MNE li tkun inħatret minn dak il-Grupp MNE, bħala l-unika sostitut għall-Entità Prinċipali Finali, sabiex tippreżenta ir-rapport pajjiż b'pajjiż fil-ġurisdizzjoni ta' residenza tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti, f'isem Grupp MNE bħal dan, fejn tkun tapplika kundizzjoni waħda jew iktar stabbiliti f'punt (b) tal-punt 1 tat-Taqsima II.

9. "Sena Fiskali" tfisser perjodu kontabilistiku annwali fir-rigward ta' liema l-Entità Prinċipali Finali tal-Grupp MNE tħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

10. "Sena Fiskali ta' Rapportar" tfisser dik is-Sena Fiskali fejn ir-riżultati finanzjarji u operazzjonali tagħha huma riflessi fir-rapport pajjiż b'pajjiż imsemmi fl-Artikolu 8aa(3).

11. "Ftehim Kwalifikanti bejn l-Awtoritajiet Kompetenti" jfisser ftehim li huwa bejn ir-rappreżentanti awtorizzati ta' Stat Membru tal-UE u ġurisdizzjonijiet mhux tal-Unjoni li huma parti minn Ftehim Internazzjonali u li jeħtieġ l-iskambju awtomatiku ta' rapporti pajjiż b'pajjiż bejn il-ġurisdizzjonijiet involuti.

12. "Ftehim Internazzjonali" jfisser il-Konvenzjoni Multilaterali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet ta' Taxxa, kwalunkwe Konvenzjoni ta' Taxxa bilaterali jew multilaterali, jew kwalunkwe Ftehim dwar Skambju ta' Informazzjoni Fiskali li l-Istat Membru huwa parti minnu u li bit-termini tiegħu jipprovdi awtorità legali għall-iskambju ta' informazzjoni fiskali bejn il-ġurisdizzjonijiet, inkluż l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bħal din.

13. “Rapporti Finanzjarji Konsolidati” ifisser ir-rapporti finanzjarji ta’ Grupp MNE li fih l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul, l-ispejjeż u l-fluss tal-flus tal-Entità Prinċipali Finali u l-Entitajiet Kostitwenti huma ppreżentati bħala dawk ta’ entità ekonomika waħda.

14. It-terminu “Nuqqas Sistemiku” japplika biss fir-rigward ta’ ġurisdizzjonijiet barra l-Unjoni u jfisser li ġurisdizzjoni għandha fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn l-Awtoritajiet Kompetenti ma’ Stat Membru, iżda tkun issospendiet skambju awtomatiku (għal raġunijiet oħra għajr dawk konformi mat-termini ta’ dak il-Ftehim) jew inkella naqset b’mod persistenti li tipprovdi b’mod awtomatiku lil Stat Membru rapporti pajjiż b’pajjiż ta’ Gruppi MNE fil-pussess tagħha li għandhom Entitajiet Kostitwenti f’dak l-Istat Membru.

TAQSIMA II

REKWIŻITI TAR-RAPPORTAR ĠENERALI

1. Entità Kostitwenti residenti fi Stat Membru li mhijiex l-Entità Prinċipali Finali ta’ Grupp MNE għandha tippreżenta rapport pajjiż b’pajjiż fir-rigward tas-Sena Fiskali ta’ Rapportar ta’ Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu, jekk jiġu ssodisfati dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) l-entità hija residenti għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru;

(b) waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin hija applikabbli:

i. l-Entità Prinċipali Finali tal-Grupp MNE mhijiex obbligata biex tippreżenta rapport pajjiż b’pajjiż fil-ġurisdizzjoni tar-residenza ta’ taxxa tagħha;

ii. il-ġurisdizzjoni li l-Entità Prinċipali Finali hija residenti fiha għall-finijiet ta’ taxxa għandha Ftehim Internazzjonali attwali li l-Istat Membru huwa parti minnu, iżda ma jkollhiex fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn l-Awtoritajiet Kompetenti li l-Istat Membru huwa parti minnu saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 8aa(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport pajjiż b’pajjiż għas-Sena Fiskali ta’ Rapportar;

iii. kien hemm Nuqqas Sistemiku tal-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tal-Entità Prinċipali Finali li jkun ġie notifikat mill-Istat Membru lill-Entità Kostitwenti residenti għall-finijiet ta’ taxxa fl-Istat Membru.

Fejn ikun hemm iktar minn Entità Kostitwenti waħda tal-istess MNE li huma residenti għal finijiet ta’ taxxa fl-Unjoni u tkun tapplika kundizzjoni waħda jew iktar stabbiliti fil-punt (b), il-Grupp MNE jista’ jaħtar waħda minn dawn l-Entitajiet Kostitwenti sabiex tippreżenta r-rapport pajjiż b’pajjiż li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8aa(1) fir-rigward ta’ kwalunkwe Sena Fiskali ta’ Rapportar fid-data ta' skadenza speċifikata fl-Artikolu 8aa(1) u biex tinnotifika lill-Istat Membru li l-preżentazzjoni hija maħsuba li tissodisfa ir-rekwiżit tal-preżentazzjoni tal-Entitajiet Kostitwenti kollha ta’ Grupp MNE bħal dan li huma residenti għall-finijiet ta’ taxxa fl-Unjoni. Dak l-Istat Membru għandu, skont l-Artikolu 8aa(2), jikkomunika r-rapport pajjiż b’pajjiż li jkun wasal lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li fih, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-Rapport pajjiż b’pajjiż, Entità Kostitwenti waħda jew iktar tal-Grupp MNE tal-Entità ta’ Rapportar, jew huma residenti għal finijiet ta’ taxxa, jew huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tal-kummerċ imwettaq permezz ta’ stabbiliment permanenti.

2. B’deroga mill-punt 1, meta tkun tapplika kundizzjoni waħda jew iktar stabbiliti f’punt b tal-punt 1, entità deskritta fil-punt 1 ma għandhiex tkun meħtieġa li tippreżenta rapport pajjiż b’pajjiż b’rabta ma’ kull Sena Fiskali ta’ Rapportar jekk il-Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu għamel disponibbli rapport pajjiż b’pajjiż skont l-Artikolu 8aa(3) b’rabta ma’ tali Sena Fiskali ta’ Rapportar permezz ta’ Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni li tippreżenta dak ir-rapport pajjiż b’pajjiż mal-awtorità tat-taxxa tal-ġurisdizzjoni tagħha tar-residenza tat-taxxa fi jew qabel id-data speċifikata fl-Artikolu 8aa(1) u li, f’każ li l-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni hija residenti tat-taxxa f’ġurisdizzjoni barra mill-Unjoni, tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tal-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni teħtieġ il-preżentazzjoni ta’ rapporti pajjiż b’pajjiż li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8aa(3);

b) il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tal-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni għandha fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn l-Awtoritajiet Kompetenti fejn l-Istat Membru huwa parti minnu saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 8aa(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport pajjiż b’pajjiż għas-Sena Fiskali ta’ Rapportar;

c) il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tal-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni ma tkunx innotifikat l-Istat Membru b’Nuqqas Sistemiku;

d) il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tal-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni tkun ġiet notifikata skont il-punt 3 mill-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta’ taxxa fil-ġurisdizzjoni tagħha li hija l-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni;

e) tkun ġiet ipprovduta notifika lill-Istat Membru skont il-punt 4.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu li kull Entità Kostitwenti ta’ Grupp MNE li hija residenti għal finijiet ta’ taxxa f’dak l-Istat Membru tinnotifika lill-Istat Membru jekk hijiex l-Entità Prinċipali Finali jew l-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni jew l-entità Kostitwenti msemmija fil-punt 1, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali ta’ Rapportar ta’ Grupp MNE bħal dan.

4. L-Istati Membri għandhom jitolbu li meta entità ta’ Grupp MNE, li hija residenti għal finijiet ta’ taxxa f’dak l-Istat Membru, mhijiex l-Entità Prinċipali Finali u lanqas l-Entità Prinċipali ta’ Sostituzzjoni u lanqas l-entità Kostitwenti msemmija fil-punt 1, din għandha tinnotifika lill-Istat Membru bl-identità u t-taxxa r-residenza tal-Entità li Tirrapporta, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali ta’ Rapportar ta’ Grupp MNE bħal dan.

5. Ir-rapport pajjiż b’pajjiż għandu jispeċifika l-munita tal-ammonti msemmija f’dak ir-rapport.

TAQSIMA III

Rapport pajjiż b’pajjiż

A. Mudell għar-rapport pajjiż b’pajjiż

Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni ta’ dħul, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali permezz tal-ġurisdizzjoni tat-taxxa

Isem il-Grupp MNE: Sena Fiskali konċernata: Munita użata:										
Ġurisdizzjoni tat-Taxxa	Dħul			Profitt (Telf) qabel it-Taxxa fuq l-[illegible]	Taxxa fuq l-Introjtu Mħallsa (fuq bażi ta’ Flus)	Taxxa fuq id-Dħul Dovuta - Sena Kurrenti	Kapital Dikjarat	Qligħ Akkumulat	Numru ta’ Impjegati	Assi Tanġibbli barra mill-Flus u Ekwivalenti tal-Flus
	Parti Mhux Relatata	Parti Relatata	Total							

Tabella 2 Lista tal-Entitajiet Kostitwenti tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni għal kull ġurisdizzjoni tat-taxxa

Isem il-Grupp MNE: Sena Fiskali konċernata:															
Ġurisdizzjoni tat-Taxxa	Entitajiet Kostitwenti Residenti fil-Ġurisdizzjoni tat-Taxxa	Ġurisdizzjoni tat-Taxxa tal-Organizzazzjoni jew Inkorporazzjoni jekk Differenti mill-Ġurisdizzjoni tat-Taxxa tar-Residenza	Attività/Attivitajiet Kummerċjali Ewlenin												
			Riċerka u Żvilupp	Żamma jew Ġestjoni tal-Proprjetà Intellettwali	Xiri jew Akkwist	Manifattura jew Produzzjoni	Bejgħ, Kummerċjalizzazzjoni jew Distribuzzjoni	Servizzi ta' Amministrazzjoni, Ġestjoni jew Appoġġ	Provvista ta' Servizzi lil Partijiet Mhux Relatati	Finanzi tal-Grupp Intern	Servizzi Finanzjarji Regolati	Assigurazzjoni	Żamma ta' Azzjonijiet jew strumenti ta' Ekwità Oħra	Inattiv	Oħrajn[1]
	1.														
	2.														
	3.														
	1.														
	2.														
	3.														

Tabella 3: Informazzjoni Addizzjonali

Isem il-Grupp MNE: Sena Fiskali konċernata:
Jekk jogħġbok inkludi kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni qasira ulterjuri li tqis neċessarji jew li tiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni obbligatorja pprovduta fir-Rapport pajjiż b'pajjiż

B. Struzzjonijiet ġenerali sabiex timla r-rapport pajjiż b'pajjiż

1. Għan

Il-mudell għandu jintuża għar-rapportar tal-allokazzjoni tal-grupp tad-dħul, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali fuq il-bażi ta' ġurisdizzjoni tat-taxxa individwali tal-intrapriża multinazzjonali (MNE).

2. Trattament ta' Fergħat u Stabbilimenti Permanenti

Id-data ta' stabbiliment permanenti għandha tiġi rrapportata b'referenza għall-ġurisdizzjoni tat-taxxa li tinstab fiha u mhux b'referenza għall-ġurisdizzjoni tat-taxxa tar-residenza tal-unità kummerċjali li l-istabbiliment permanenti huwa parti minnha. Ir-rapportar tal-ġurisdizzjoni tat-taxxa tar-residenza għall-unità kummerċjali li l-istabbiliment permanenti huwa parti minnha għandu jeskludi data finanzjarja relatata mal-istabbiliment permanenti.

3. Perjodu kopert mill-mudell annwali

Il-mudell għandu jkopri s-sena fiskali tal-MNE ta' Rapportar. Għall-Entitajiet Kostitwenti, fid-diskrezzjoni tal-MNE ta' Rapportar, il-mudell għandu jirrifletti waħda mill-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsistenti:

(a) informazzjoni għas-sena fiskali tal-Entitajiet Kostitwenti rilevanti li tintemm fl-istess data bħas-sena fiskali tal-MNE ta' Rapportar, jew li tintemm fiż-żmien 12-il xahar qabel dik id-data;

(b) informazzjoni għal kull Entità Kostitwenti rilevanti rapportata għas-sena fiskali tal-MNE ta' Rapportar.

4. Sors tad-dejta

L-MNE ta' Rapportar għandha konsistentement tuża l-istess sorsi ta' dejta minn sena għal sena fit-tlestija tal mudell. L-MNE ta' Rapportar tista' tagħżel li tuża dejta mill-pakketti ta' konsolidazzjoni tagħha, mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji separati tal-entitajiet statutorji, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji regolatorji, jew kontijiet ta' ġestjoni interna. Mhuwiex meħtieġ li jiġu rrikonċiljati d-dħul, il-profitt u r-rapportar tat-taxxa fil-mudell għar-rapporti finanzjarji konsolidati. Jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji jintużaw bħala l-bażi għar-rapportar, l-ammonti kollha għandhom jiġu tradotti għall-munita funzjonali dikjarata tal-MNE ta' Rapportar bir-rata medja ta' skambju għas-sena dikjarata fis-sezzjoni tal-Informazzjoni Addizzjonali tal-mudell. Ma għandhomx għalfejn isiru aġġustamenti, madankollu, minħabba d-differenzi fil-prinċipji tal-kontabilità applikati mill-ġurisdizzjoni tat-taxxa għall-ġurisdizzjoni tat-taxxa.

L-MNE ta' Rapportar għandha tipprovdi deskrizzjoni qasira tas-sorsi ta' dejta użati fil-preparazzjoni tal-mudell fit-taqsima tal-Informazzjoni Addizzjonali tal-mudell. Jekk issir bidla fis-sors tad-dejta użata minn sena għal sena, l-MNE ta' Rapportar għandha tispjega r-raġunijiet għall-bidla u l-konsegwenzi fit-taqsima tal-Informazzjoni Addizzjonali tal-mudell.

C. Struzzjonijiet speċifiċi sabiex jimtela r-Rapport Pajjiż b'Pajjiż

1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni ta' dħul, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali permezz tal-ġurisdizzjoni tat-taxxa (Tabella 1)

1.1. Ġurisdizzjoni tat-Taxxa

Fl-ewwel kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha telenka kull ġurisdizzjoni tat-taxxa li fihom l-Entitajiet Kostitwenti tal-grupp MNE huma residenti għal skopijiet ta' taxxa. Ġurisdizzjoni tat-taxxa hija definita bħala Stat kif ukoll ġurisdizzjoni mhux tal-Istat li jkollha awtonomija fiskali. Għandha tkun inkluża linja separata għall-Entitajiet Kostitwenti kollha fil-Grupp MNE li titqies mil-MNE ta' Rapportar li ma jkunux residenti f'xi ġurisdizzjoni tat-taxxa għal finijiet ta' taxxa. Meta Entità Kostitwenti hija residenti f'iktar minn ġurisdizzjoni tat-taxxa waħda, l-interruttur applikabbli tar-rabta trattat tat-taxxa għandu jkun applikat sabiex jiddetermina l-ġurisdizzjoni tat-taxxa tar-residenza. Meta ma jeżisti l-ebda trattat tat-taxxa applikabbli, l-Entità għandha tiġi rrapportata fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa tal-post ta' ġestjoni effettiva tal-Entità Kostitwenti. Il-post tal-ġestjoni effikaċi għandu jiġi ddeterminat bi standards miftehma internazzjonalment.

1.2. Dħul

Fit-tliet kolonni tal-mudell taħt l-intestatura "Dħul", l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati;

(b) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' partijiet indipendenti;

(c) it-total tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b).

Id-dħul għandu jinkludi dħul minn bejgħ ta' inventarju u proprjetajiet, servizzi, dritt dovuti għall-użu ta' propjetà, interessi, primjums u kwalunkwe ammont ieħor. Id-dħul għandu jeskludi ħlasijiet riċevuti minn Entitajiet Kostitwenti oħra li huma ttrattati bħala dividendi fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa ta' min iħallas.

1.3. Profitt (Telf) qabel it-Taxxa fuq l-Introjtu

Fil-ħames kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont tal-profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu għal kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa

fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Il-profitt (telf) qabel it-taxxa tad-dħul għandu jinkludi kull dħul u spiża straordinarja.

1.4. Taxxa fuq l-Introjtu Mħallsa (fuq bażi ta' Flus)

Fis-sitt kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont ta' taxxa effettivament imħallsa matul is-sena fiskali rilevanti minn kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxi fi flus imħallsa mill-Entità Kostitwenti lill-ġurisdizzjoni tat-taxxa tar-residenza u ta' kull ġurisdizzjoni oħra tat-taxxa. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxa minn ras il-għajn imħallsa minn entitajiet oħrajn (intrapriżi assoċjati u intrapriżi indipendenti) fir-rigward tal-ħlasijiet lill-Entità Kostitwenti. Għaldaqstant, jekk il-kumpanija A fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa A taqla' interess fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa B, it-taxxa minn ras il-għajn fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa B għandha tiġi rrapportata mill-kumpanija A.

1.5. Taxxa tad-Dħul Dovuta (Sena Kurrenti)

Fis-seba' kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont tal-ispiża tat-taxxa kurrenti dovuta rreġistrata fuq il-profitti taxxabbli jew it-telf tas-sena ta' rapportar ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. L-ispiża tat-taxxa kurrenti għandha tirrefletti biss l-operazzjonijiet fis-sena kurrenti u ma għandhiex tinkludi taxxi differiti jew dispożizzjonijiet għal obbligazzjonijiet tat-taxxa inċerti.

1.6. Kapital Dikjarat

Fit-tmien kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont tal-kapital ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-kapital imsemmi għandu jiġi rrapportat mill-entità legali li hija stabbiliment permanenti sakemm ma jkunx hemm rekwiżit ta' kapital definit fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa tal-istabbiliment permanenti għal finijiet regolatorji.

1.7. Qligħ Akkumulat

Fid-disa' kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont tal-qligħ akkumulat tal-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti sa mill-aħħar tas-sena. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-qligħ akkumulat għandu jiġi rrapportat mill-entità legali li hija stabbiliment permanenti tiegħu.

1.8. Numru ta' Impjegati

Fl-għaxar kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta n-numru totali ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time (FTE) ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. In-numru ta' impjegati jista' jiġi rapportat ma' tmiem is-sena, fuq il-bażi ta' livelli medji ta' impjieg għas-sena, jew fuq kwalunkwe bażi oħra applikata b'mod konsistenti fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa u minn sena għal sena. Għal dan il-għan, kuntratturi indipendenti li jipparteċipaw fl-attivitajiet operattivi ordinarji tal-Entità

Kostitwenti jistgħu jiġu rrapportati bħala impjegati. L-arrotondament raġonevoli jew l-approssimazzjoni tan-numru ta' impjegati huwa permissibbli, sakemm dan l-arrotondament jew l-approssimazzjoni ma jtellfux d-distribuzzjoni relattiva ta' impjegati b'mod materjali fid-diversi ġurisdizzjoni tat-taxxa. Approċċi konsistenti għandhom ikunu applikati minn sena għal sena u fost l-entitajiet.

1.9. Assi Tanġibbli barra mill-Flus u Ekwivalenti tal-Flus

Fil-ħdax-il kolonna tal-mudell, l-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-ammont tal-valuri nett fuq il-kotba ta' assi tanġibbli ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, l-assi għandhom jiġu rrapportati b'referenza għall-ġurisdizzjoni tat-taxxa li fiha jinsab l-istabbiliment permanenti. Assi tanġibbli għal dan l-għan ma jinkludux flus jew ekwivalenti ta' flus, assi intanġibbli, assi finanzjarji.

2. Lista tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni għal kull ġurisdizzjoni tat-taxxa (Tabella 2)

2.1. Entitajiet Kostitwenti Residenti fil-Ġurisdizzjoni tat-Taxxa

L-MNE ta' Rapportar għandha telenka, fuq il-bażi tal-ġurisdizzjoni tat-taxxa abbażi ġurisdizzjoni tat-taxxa u bl-isem tal-entità legali, tal-Entità Kostitwenti residenti kollha tal-Grupp MNE li huma residenti għall-finijiet tat-taxxa fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Kif dikjarat fil-punt 2 tal-istruzzjonijiet Ġenerali rigward l-istabbilimenti permanenti, madankollu, l-istabbiliment permanenti għandu jkun elenkat permezz ta' referenza għall-ġurisdizzjoni tat-taxxa li jinstab fiha. L-entità legali li hija stabbiliment permanenti tiegħu għandha tiġi nnotata.

2.2. Ġurisdizzjoni tat-Taxxa tal-Organizzazzjoni jew Inkorporazzjoni jekk Differenti mill-Ġurisdizzjoni tat-Taxxa tar-Residenza

L-MNE ta' Rapportar għandha tirrapporta l-isem tal-ġurisdizzjoni tat-taxxa fejn skont il-liġijiet tagħha l-Entità Kostitwenti tal-MNE hija organizzata jew inkorporata jekk hija differenti mill-ġurisdizzjoni tat-taxxa tar-residenza.

2.3. Attività/Attivitajiet Kummerċjali Ewlenin

L-MNE ta' Rapportar għandha tiddetermina n-natura tal-attività/attivitajiet prinċipali tal-kummerċ li twettqu mill-Entità Kostitwenti fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti, billi timmarka kaxxa rilevanti waħda jew aktar."